

31984L0424

6.9.1984

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 238/31

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tat-3 ta' Settembru 1984**

**li temenda d-Direttiva 70/157/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardjaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema ta' l-exhaust tal-vetturi bil-mutur**

(84/424/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi l-Anness I tad-Direttiva 70/157/KEE għandu għalhekk ikun emendat billi jitnaqqsu il-valuri tal-livell ta' ħoss permissibbli espressi f'dB (A) għal kull kategorija ta' vettura msemmija hemmhekk;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Billi tnaqqis bħal dan jirrapreżenta pass kbir 'il quddiem fit-titjib ta' l-ambjent; billi id-dispożizzjonijiet in kwistjoni għand-hom xorta jkunu riveduti f'data aktar tard fl-isfond tar-riżultati tal-ħidma tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' approċċ globali, fil-waqt li fl-istess ħin jittieħed każ' ta' l-aspetti prinċipali kollha tar-regoli tal-Komunità fis-setturi tal-vetturi bil-mutur, partikolarment dawk li jirrelataw għas-sigurtà, l-protezzjoni ambjentali u l-konservazzjoni ta' l-enerġija,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċa- li (³),

Billi d-Direttiva 70/157/KEE (⁴), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 81/334/KEE (⁵), tistipula fl-Anness tagħha il-livell massimu tal-ħoss emess mill-vetturi intiżi għall-użu fit-toroq, b'qafas jew mingħajru, u li jkollhom mill-anqas erba' roti u veloċità ddisinjata massima li teċċedi l-25 kilometru fis-siegħa, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju agrikoli jew tal-foresti u vetturi għal xogħlijiet pubbliċi;

**ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA**

Billi l-protezzjoni tal-pubbliku f'żoni urbani kontra l-inkonvenjent tal-ħoss teħtieġ miżuri xierqa għat-taqqsu tal-livell tal-ħoss ta' vetturi bil-mutur; billi dan it-taqqsu sar possibbli bil-progress tekniku fil-kostruzzjoni tal-vetturi bil-mutur;

(¹) ĠU C 200, tas-27.7.1983 p. 5.

(²) ĠU C 172, tat-2.7.1984 p. 157.

(³) ĠU C 358, tal-31.12.1983 p. 4.

(⁴) ĠU L 42, tat-23.2.1970 p. 16.

(⁵) ĠU L 131, tat-18.5.1981 p. 6.

**L-Artikolu 1**

Fl-Anness I tad-Direttiva 70/157/KEE, il-punt 5.2.2.1 għandu jkun miktub mill-ġdid kif ġej:

**“5.2.2.1. Valuri ta’ limitu**

Il-livell tal-ħoss imkejjel skond il-punti 5.2.2.2 sa 5.2.2.5 ta’ dan l-Anness m’għandhx jeċċedi l-limiti li ġejjin:

	Kategoriji ta’ vetturi	Valuri espressi f’ dB (A)
5.2.2.1.1.	Vetturi maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri u mgħammrin b’mhux aktar minn disa’ sedili inkluż is-sedil tas-sewwieq	77
5.2.2.1.2.	Vetturi maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri u mgħammrin b’aktar minn disa’ sedili inkluż is-sedil tas-sewwieq, u li għandhom toqol massimu permissibbli ta’ aktar minn 3,5 tunnellati metriċi u:	
5.2.2.1.2.1.	— b’ qawwa tal-magna ta’ anqas minn 150 kW	80
5.2.2.1.2.2.	— b’qawwa tal-magna ta’ mhux anqas minn 150 kW	83
5.2.2.1.3.	Vetturi maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri u mgħammrin b’aktar minn disa’ sedili, inkluż is-sedil tas-sewwieq; vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija:	
5.2.2.1.3.1.	— b’toqol massimu permissibbli ta’ mhux aktar minn 2 tunnellati metriċi	78
5.2.2.1.3.2.	— b’toqol massimu permissibbli ta’ aktar minn 2 tunnellati metriċi iżda mhux aktar minn 3,5 tunnellati metriċi	79
5.2.2.1.4.	Vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija u li għandhom toqol massimu permissibbli ta’ aktar minn 3,5 tunnellati metriċi	
5.2.2.1.4.1.	— b’qawwa tal-magna ta’ anqas minn 75 kW	81
5.2.2.1.4.2.	— b’qawwa tal-magna ta’ potenza ta’ mhux anqas minn 75 kW iżda anqas minn 150 kW	83
5.2.2.1.4.3.	— b’qawwa tal-magna ta’ mhux anqas minn 150 kW	84

B’dankollu,

- għall-vetturi tal-kategoriji 5.2.2.1.1 u 5.2.2.1.3, il-valuri tal-limitu għandhom ikunu miżjud bi 1 dB (A) jekk huma mgħammrin b’magna *diesel* b’injezzjoni diretta,
- għall-vetturi b’toqol massimu permissibbli ta’ aktar minn żewġ tunnellati metriċi intiżi għall-użu ‘off road’, il-valuri tal-limitu huma miżjud bi 1 dB (A) jekk il-qawwa tal-magna tagħhom hija anqas minn 150 kW u 2 dB (A) jekk il-qawwa tal-magna hija daqs jew akbar minn 150 kW.”

**L-Artikolu 2**

zjonijiet tad-Direttiva 70/157/KEE kif emendata b'din id- Direttiva.

1. B’effett mill-1 ta’ Jannar 1985, l-Istati Membri ma jist-għux, għal raġunijiet li għandhom x’jaqsmu mal-livell permisibbli tal-ħoss u s-sistema ta’ l-exhaust:

- jirrifjutaw, fir-rigward ta’ tip ta’ vettura bil-mutur, li jagħtu l-approvazzjoni tip tal-KEE, li joħorġu d-dokument imsemmi fit-tielet inċiż ta’ l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta’ Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu ma’ l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur u l-karrijet tagħ- hom (¹), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 80/1267/KEE (²), jew li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew
- jipprobixxu d-dħul fis-servizz ta’ vetturi,

jekk il-livell tal-ħoss u s-sistema ta’ l-exhaust ta’ dan it-tip ta’ vettura jew ta’ dawn il-vetturi jkunu konformi mad- dispożiż-

2. B’effett mill-1 ta’ Ottubru 1988, l-Istati Membri:

- ma jistgħux aktar joħorġu d-dokument imsemmi fit-tielet inċiż ta’ l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE fir-rigward ta’ tip ta’ vettura bil-mutur li l-livell tal-ħoss u s-sistema ta’ l-exhaust tagħha ma jkunux konformi mal-ħtiġi jid-direttiva 70/157/KEE kif emendata b'din id-Direttiva,

- jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta’ tip ta’ vettura bil-mutur li l-livell tal-ħoss u s-sistema ta’ l-exhaust tagħha ma jkunux konformi mal-ħtiġi jid-direttiva 70/157/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

(¹) ĠU L 42, tat-23.2.1970 p. 1.

(²) ĠU L 375, tal-31.12.1980 p. 34.

B'dankollu, għall-vetturi fil-kategorija 5.2.2.1.3 kif definiti fl-Artikolu 1 li huma mgħammra b'magni tad-diesel u għall-vetturi fil-kategorija 5.2.2.1.4, '1 ta' Ottubru 1988' huwa mibdul bi '1 ta' Ottubru 1989'.

3. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1989, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' vetturi li l-livell tal-ħoss u sistema ta' l-exhaust tagħhom ma jkunux konformi mal-ħtiġiet tad-Direttiva 70/157/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

B'dankollu, għall-vetturi fil-kategorija 5.2.2.1.3 kif definiti fl-Artikolu 1 li huma mgħammra b'magni *diesel* u għall-vetturi fil-kategorija 5.2.2.1.4, '1 ta' Ottubru 1989' huwa mibdul bi '1 ta' Ottubru 1990'.

### *L-Artikolu 3*

Il-Kunsill għandu, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1990, jiddeċiedi dwar reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/157/KEE fuq il-bażi ta' rapport tal-Kummissjoni li jikkonċerna miżuri ġodda possibbli li għandhom x'jaqsma mar-regoli fis-setturi tal-vetturi bil-mutur, li għandhom ikunu

stabbilti b'kunsiderazzjoni debita għall-aspetti tas-sigurta', l-protezzjoni ta' l-ambjent u l-konservazzjoni ta' l-enerġija.

### *L-Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1985. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

### *L-Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Settembru 1984.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. BARRY